MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' April, 2007

Numru 577/2004

**Il-Pulizija**
**Supretendent Carmelo Magro**
**Spettur Pierre Micallef Grimaud**
**V**

**CARMEL DIMECH**
**LUDWIG DIMECH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **CARMEL DIMECH** ta' sitta w erbghin sena bin Salvu u Nazzarena nee Farrugia,, imwieled Haz Zebbug nhar l-wiehed u tletin ta' Settembru 1959 u residenti 27, Triq Lorenzo Gafa, Haz Zebbug, detentur tal-karta tal-identita numru 97059M u **LUDWIG DIMECH** ta' wiehed w ghoxrin sena bin Carmelo u Josephine nee Chircop imwieled Pieta nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar 1983, u residenti 'Our Nest' Triq l-Indipendenza, Haz Zebbug, detentur tal-karta tal-identita numru 135683M gew mressqa quddiemha akkuzati:

1. talli nhar d-dsatax ta’ Lulju 2004 ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar f’Haz Zebbug, minghajr l-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, kkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha fuq il-persuna tal-Ispettur Josric Mifsud kif wkoll ta’ PS 325 Patrick Bonnici waqt l-qadi ta’ dmirijiethom.

2. talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati u cioe kontra l-Ispettur Josric Mifsud, l-Ispettur Alexander Grech, PS 325 Patrick Bonnici, PC 736 Vincent Falzon u PC 1098 Anthony Scerri, persuni inkarigati skond il-ligi minn sevrizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

3. talli fl-istess jum. Lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmlu delitt, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghhom.

4. talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, kkommettew offizi gravi fuq il-persuni tal-imsemmija Spetur Josric Mifsud u PS 325 Patrick Bonnici, liema offizi igibu mankament jew sfregju fil-wicc u fl-ghonq.

5. talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku u cioe kontra l-Ispettur Josric Mifsud, l-Ispettur Alexander Grech, PS 325 Patrick Bonnici, PC 736 Vincent Falzon u PC 1098 Anthony Scerri, filwaqt li kienu qed jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

6. talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ingurjaw jew heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuni tal-Ispettur Josric Mifsud, l-Ispettur Alexander Grech, PS 325

Patrick Bonnici, PC 736 Vincent Falzon u PC 1098 Anthony Scerri, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

7. talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, hebbew ghal Ispettur Josric Mifsud kif wkoll ta’ PS 325 Patrick Bonnici sabiex jingurjawhom, idejquhom jew jghamlulhom hsara.

8. talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied.

9. talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg hadidehor, mobbli jew immobbli, u cioe fl-uniformijiet tal-Ispettur Josric Mifsud u ta’ PS 325 Patrick Bonnici ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta.

10. lil **Carmel Dimech wahdu** talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixel waqt li jkun jaghmel d-dmirijiet tieghu jew b’xio mod iehor bla jedd, indahal fi dmiru billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li bil-ligi kien ordnat li jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond l-ligi, jew b’xi mod iehor li jkun kemm il-darba din d-dizubbidjenza jew dak l-indhil ma jkunx jaqa taht disposizzjonijiet ohra ta’ dan il-Kodici jew ta’ ligi ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavit ta’ Doctor Michael Shaw [fol 155] u l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sitta ta’ Jannar 2006 esibiti a fol 115 tal-atti processwali sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputati, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tad-disgha w ghoxrin ta’ Marzu 2006 [fol 120].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif ukoll lil imputati jixhdu minn jeddhom b’mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Frar 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sitta ta’ Awissu 2004 **xehed l-Ispettur Josric Mifsud** [fol 37] fejn spjega li fid-dsatax ta’ Lulju 2004, hu kellu taht arerest ragel ta’ nazzjonalita Gharbija li kien stqarr mieghu li kien qed jghix ghand xi hadd bl-isem Charles f’Haz Zebbug u li allegatament kien qed izommlu l-passaport. Qallu wkoll li mieghu kien hemm nies ohra bla permess jghixu ghandu.

Huwa ghalhekk kien baghat lil din il-persuna ta’ nazzjonalita Gharbija fil-presenza ta’ xi ufficjali tal-pulizija sabiex jindikalu fejn kien jghix dan Charlie w inzerta li kien l-imputat odjern Charles Dimech. Illi sussegwentement ix-xhud qal lil imputat Carmel Dimech fuq t-telefon u qallu biex jinzel l-ghassa pero dan irrifjuta li jghamel hekk u ghalhekk, permezz ta’ *search warrant* li kellu mahrug mill-Magistrat tal-ghassa, nizel ghand l-imputat Carmel Dimech bil-ghan li jarrestah.

Hekk kif waslu hdejn il-garaxx tal-imputat Carmel Dimceh f’Haz Zebbug, iltaqghu ma ibnu Ludwig u meta gie mistoqsi fejn kien missieru, dan qallu li ma kienx fuq il-post huwa dar dawra mal-akwati u ra lil imputat Carmel Dimech f’kamra madwar mejda u tah ordni biex johrog u kif dan hareg jigri, Carmel Dimech imbuttah u PC 325 Patrick Bonnici indahal w imbotta lil Carmel Dimech.

Dak il-hin l-imputat l-iehor Ludwig Dimech beda jghajjat u jghid li hadd ma setgha jmiss lil missieru u kien ttanta jaghti daqqa ta’ ponn lix-xhud. Kompla jghid li l-pulizija

gibduh minn mieghu u dan kompla jirresisti l-arrest w ghalhekk ta ordni sabiex l-imputat Carmel Dimech jittiehed l-ghass tal-Belt.

Spjega li hu u PC 325 Patrick Bonnici marru l-isptar sabiex jigu nvistati minn tabib u fil-fatt gew ezaminati minn Doctor Caruana u Doctor Michael Shaw u gew rilaxxjati zewg certifiakti medici li jinsabu esibiti a fol 41 et seq tal-atti markati bhala dokumenti JM 1 u JM 2. Ix-xhud ikkonferma li s-search warrant li kellu ma kienx ikopri l-garaxx in kwistjoni pero Ludiwig Dimech ma wera ebda opposizzjoni sabiex il-pulizija tidhol.

Spjega li bid-daqqa li qala minghand l-imputat Carmel Dimech, il-qmis tieghi tqattet u din giet esibita fl-atti bhala document JM 3, u li l-feriti li sofra kienu rizultat tad-daqqa li qala minghand Ludwig Dimech. Mistoqsi jekk setghax waqa fil-wires, x-xhud cahad dan b’mod kategoriku.

Illi nhar s-sitta ta’ Awissu 2004 **xehed PS 325 Patrick Bonnici** [fol 43] fejn qal li fid-dsatax ta’ Lulju 2004, kien baghat ghalih l-Ispettur Josric Mifsud fl-ufficju tieghu ghal habta tas-saghtejn ta’ wara nofsinhar u qallu biex jibghat xi pulizija ma persuna ta’ nazzjonalita Gharbija bl-isem ta’ Mohammed El Salem sabiex jigbor l-passaport tieghu minghand bniedem minn Haz Zebbug. Huwa ghalhekk baght lil PC 33, PC 247 u PC 1098 Anthony Scerri u lil Mohammed El Salem immanettjat f’Haz Zebbug. Waqt li kienu fil-kumpanija ta’ dan l-Gharbi, dan indikalhom l-vann li kien ipparkjat hdejn il-mina ta’ De Rohan hdejn il-Hunters Tower bhala li kien tal-persuna li marru jfittxu u meta staqsew ghal sid dan il-vann, fil-bar, in-nies li kien hemm qalulhom li ma kienx hemm izda wara xi hin rawh hiereg mill-istess bar. Dak l-hin ix-xhud cempel lil Ispettur u dan tkellem ma Mohammed El Salem li kkonfermalu li dak il-persuna tal-van kien l-imputat Carmel Dimech ma min kien jahdem u li kellu l-passaport tieghu u ta’xi nies ohra ta’ nazzjonalita barranija. L-Ispettur qal lil imputat Carmel Dimech fuq t-telefon sabiex jinzel l-ghassa pero dan wiegbu li ma setghax jaghmel dan.

Fuq ordni tal-Ispettur Josric Mifsud, ix-xhud, flimkien mal-Ispettur Alexander Grech, PC 1098 Anthony Scerri u PC 736 Vincent Falzon marru fir-residenza tal-imputat Carmel Dimech pero ma sabuhx hemm u fl-ahar sabuh fil-garaxx tieghu. Wara raw l-vettura tal-ghamla Bedford Astra bin-numru ta' registrazzjoni JAZ 947 ipparkjata barra l-garaxx, bic-cwievet fiha. Huma hemmhekk iltaqghu mal-imputat Ludwig Dimech u staqsewh fejn kien missieru u dan qalilhom li kien barra.

Huma ghalhekk dahlu gewwa jfittxu u minn barrra tieqa raw lil imputat Carmel Dimech taht skrivanija u meta ordnawlu johrog, dan hareg jghajjat u jidghi u mar direttament ghal fuq l-Ispettur Josric Mifsud w imbuttah. Ix-xhud spjega li hu ntervjena u beda jimbotta lil imputat Carmel Dimech b'sidru u sema lil imputat Ludwig Dimech jghajajt f'wicc l-Ispettur Josric Mifsud u jghidlu sabiex ma jmessux lil missieru ghaliex ma kienx jiflah. Dak il-hin hu telaq lil imputat Carmel Dimech u mar ghal fuq l-imputat Ludwig Dimech biex ikkeccih 'l barra u dan beda jxejjer idu u jaqlalu u fil-fatt kellu juza forza minima biex jikkalma s-sitwazzjoni. Ix-xhud kompla jghid li z-zewg imputati gew arrestati u mehuda l-ghassa tal-Belt Valletta, waqt li hu flimkien mal-Ispettur Josric Mifsud marru l-isptar. Huwa esibixxa certifikat mediku li gie mmarkat bhala dok JM 4 li jindika l-feriti li kellu.

Ikkonferma wkolli li waqt l-aggressjoni l-imputat Ludwig Dimech beda jghid li xtaq ikellem lil Demarco [presumibilment lil Professur Gwido Demarco] izda hu ma hallihx ghax dak l-hin kien taht arrest u Ludwig Dimech qabad u tefa' il-mobile mal-art. Cahad li qatt gidem lil xi imputat f'idejh. Ikkonferma li l-feriti li ssubixxa f'rasu saru mill-imputat Ludwig Dimech waqt l-inkontru li kellhom u qal b'mod specifiku, li kellu gidma wahda f'idu u ohra fuq mohhu maghmula mill-istess imputat Ludwig Dimech.

Illi nhar s-sitta ta' Awissu 2004 **xehed PC 1098 Anthony Scerri** [fol 48] fejn spjega kif hu kien mar ma xi ufficjali tal-pulizija, fosthom PS 325 Patrick Bonnici u certu Salem f'Haz Zebbug u raw il-vettura tal-imputat Charles Dimech, izda aktar tard fl-istess jum, regghu marru u din d-darba

maghhom kellhom wkoll lil Ispettur Josric Mifsud u l-Ispettur Alexander Grech, u dan sabiex ifittxu lil imputat Charles Dimech u spiccaw fil-garaxx tieghu fi triq l-Imdina, Haz Zebbug.

Ghal darb’ohra regghu raw il-vann Astra bin-numru ta’ registrazzjoni JAZ 147 pero lil imputat Charles Dimech ma rawhx. Ghal ewwel bdew jaghmlu tfittxija izda wara xi hin l-Ispettur Josric Mifsud innota lil Charles Dimech wara hgiega w ordnalu biex johrog. Dak l-hin Charles Dimech kien irrabjat hafna u jghid li ma kienx halliel u sabiex ihallih bi kwietu, izda l-Ispettur Josric Mifsud ordnalu sabiex imur l-ghassa tal-pulizija il-Belt Valletta waqt li huwa kompla bl-investigazzjoni tieghu.

Kien dak l-hin li l-imputat Charles Dimech hebb ghal Ispettur, w is-Surgent PS 325 Patrick Bonnici ntervjena w imbotta lil imputat Ludwig Dimech lil hinn waqt li dan beda jghajjat maghhom sabiex ma jmissux lil missieru ghax kien ma jiflahx. Charles Dimech hebb ghal Ispettur Josric Mifsud u waqqghu mal-art. L-imputat Ludwig Dimech hebb ghas-Surgent PS 325 Patrick Bonnici w inqalghet konfuzjoni shiha bil-pulizija kollha presenti jippruvaw jwaqqfu l-glied. Ikkonferma li ra mobile phone jintremgha pero kif inkiser ma jafx.

Illi nhar s-sitta ta’ Awissu 2004 **xehed PC 736 Vincent Falzon** [fol 52] fejn ikkonferma dak kollu li qal PS 325 Patrick Bonnici fix-xhieda tieghu u cioe li nqala incident fil-garaxx ta’ Dimech u li l-Ispettur Josric Mifsud qala daqqa f’wiccu. sema hafna ghajjat u storbju u kien ghalhekk li talab l-assistenza tal-mobile squad.

Illi nhar l-hdax t’Awissu 2004 **xehed l-Ispettur Alexander Grech** [fol 55] w ikkonferma li fis-sbatax ta’ Lulju 2004, kien mar ma xi ufficjali tal-pulizija sabiex jarrestaw lill-imputat Charles Dimech u sabu lil ibnu Ludwig li qalilhom li missieru ma kienx hemm avolja kien hemm il-vettura vann Bedford ta’ missieru miftuha bic-cwievet fiha. L-Ispettur Josric Mifsud induna bih u qallu biex johrog u dak l-hin, hareg minn fejn kien u beda jghajjat u jghid ‘jien m’ghamilt xejn, mela qtilt’ [fol 55] w imbotta lil Ispettur

Josric Mifsud mal-art. Wara ftit gie l-imputat Ludwig Dimech w intefa' fuq l-ufficjal tal-pulizija u l-Ispettur Josric Mifsud firdu u wara rega' hebb ghal PS 325 Patrick Bonnici. Ikkkonferma li ra lil imputat Ludwig Dimech jaghti daqqa ta' ras lil PS 325 Patrick Bonnici u sahansitra anke daqqa ta' mobile fuq ras s-Surgent ta.

Mistoqsi jekk rax lil xi hadd iwaddab xi mobile mal-art, l-Ispettur Grech wiegeb fin-negattiv pero qal li jaf li l-mobile spicca miksur, forsi, qal li bid-daqqa li ta bih f'ras PS 325 Patrick Bonnici.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Gunju 2005 **xehed Doctor Michael Shaw** [fol 90] w ikkonferma li nhar d-dsatax ta' Lulju 2004, huwa kien ezamina lil Ispettur Josric Mifsud fl-isptar San Luqa u stqarr li kien qed isofri minn girehi ta' natura hafifa konsistenti fi brix fuq n-naha t'ghajnejh x-xellugija, kif wkoll naqara nefha madwar l-istess ghajn. Stqarr li l-feriti li rriskontra kienu kompatibbli ma daqqa ta' ponn w ikkonferma wkoll ic-certifikat mediku tieghu rilaxxjat dakinhar tad-dsatax ta' Lulju 2004 fis-sitta w nofs ta' filghaxija markat bhala dok JM 2 esibit a fol 42 tal-atti processwali.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Marzu 2006 **xehed Doctor Mario Scerri** [fol 121] w ikkonferma r-relazzjoni tieghu dok MM u spjega li huwa kien gie nominat mill-Qorti sabiex jinvista lil Charles Dimech u lil Ludwig Dimech b'digriet datat dsatax ta' Lulju 2004 u dan wara li d-difiza allegat li l-pulizija kienu sawtu lil istess imputati.

Illi minn ezami tal-istess jirrizulta li Charles Dimech kellu xi tbengil kompatibbli ma *blunt trauma* waqt li Ludwig Dimech kellu lezjonjiet fuq l-parti tal-id ix-xellugija friska kompatibbli ma marka kagonta minn snien. Illi huwa kklassifika l-feriti bhala dawk ta' natura hafifa u li huma kompatibbli ma *resisted arrest* u huma lezjonijiet li minnhom nfushom ma jindikawx li giet uzata xi vjolenza esagerata.

Illi nhar l-hdax ta' Ottubru 2006 gew esibiti zewg affidavits mahrufa minn Doctor Clifford Martin Caruana [fol 183] fil-

konfront ta’ l-Ispettur Josric Mifsud u PS 325 Patrick Bonnici u dan ikkonferma li ezamina lil dawn l-ufficjali tal-pulilzija nhar d-dsatax ta’ Lulju 2004 w t-tnejn kienu qed ibatu minn feriti ta’ natura hafifa kif wkoll deskritti minnu fl-affidavit fuq imsemmija.

Illi nhar l-erbgha ta’ Dicembru 2006 **xehed l-imputat Carmel Dimech minn jeddu b’mod voluntarju** [fol 191] fejn ikkonferma li fil-jum tal-incident gew il-pulizja fil-garaxx tieghu ifittxu xi Gharbi u sabu lil ibnu Ludwig w imbuttawh u remewh fit-tajn. Ikkonferma li mbaghad gew arrestati. Qal li l-pulizija kisser il-mobile ta’ ibnu u sahansitra anke gidimlu idejh.

Illi nhar l-erbgha ta’ Dicembru 2006 **xehed l-imputat Ludwig Dimech minn jeddu b’mod voluntarju** [fol 193] fejn ikkonferma dak li qal missieru. Zied jghid li huwa minnu li l-pulizija dahlu fil-garaxx ifittxu lil missieru meta huwa qalilhom li ma kienx hemm, pero spjega li kien ghadu kif wasal. Dak l-hin, jispjega, li l-pulizija imbuttaw lil missieru li dak z-zmien kien marid. Kien hemm pulizija li mbuttah fit-tajn w ghajjru giddieb. Qal li pulizija kien hemm hamsa, ilkoll bl-uniformi u ma hallewhx icempel lil avukat u sahansitra wiehed minnhom anke kissirlu l-mobile phone.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-incident inqala meta l-pulizija tal-ghassa tal-Belt Valletta marru ghand l-imputat sabiex ifittxu lil imputat Carmel Dimech, w ibnu l-imputat Ludwig Dimech qalilhom li ma kienx hemmhekk. Sussegwentement wara l-Ispettur Josric Mifsud innota li kien hemm u dan hareg minn go kamra, qabez ghal fuq l-Ispettur Josric Mifsud u PS 325 Patrick Bonnici mar biex jiddefendih u l-ko-akkuzat Ludwig Dimech beda jattakka lilu w is-sitwazzjoni minn hemm sahnet tant lil-imputati saru aggressivi u l-pulizija kellhom jarrestawhom w huma rresistew l-arrest.

Illi d-difiza sostniet li din hija xejn inqas minn dak li jghidu l-Inglizi u cioe '*a storm in a cup*' u kollu sehh minghajr raguni ta' xejn.

Illi l-Qorti, bir-rispett kollu, ma taqbilx ma dan ghaliex il-pulizija marru ghand l-imputat in konnessjoni ma xoghol taghhom u kien l-imputat li kien reticenti mal-ufficjali tal-pulizija, tant, kif jghid PS 325 Patrick Bonnici, kellhom juzaw *the minimum force* permess mill-ligi sabiex jaffettwaw l-arrest fuq l-imputati.

Illi jirrizulta li verament PS 325 Patrick Bonnici u l-Ispettur Josric Mifsud spiccaw b'ferita ta' natura hafifa kif deskritt ahjar mit-tobba u l-imputati wkoll spiccaw b'xi feriti wkoll ta' natura hafifa pero skond dak li xehed l-espert tal-Qorti Doctor Mario Scerri, il-feriti li kellhom l-imputati kienu kollha kompatibbli ma marki ta' *resisted arrest*.

Illi d-difiza tghid wkoll li l-imputati kienu aggressivi mal-ufficjali tal-pulizija minhabba l-attitudni negattiva u vjolenti taghhom.

Bir-rispett kollu, din il-Qorti  ma taqbilx ma din s-sottomissjoni u dan ghaliex il-forza li ntuzat mill-pulizija kienet dik sabiex taffettwa l-arrest.  Dak li ghamlu l-pulizija qabel, kien biss li jzzommu l-kalma u jippruvaw jimbuttaw lil hinn l-aggressuri taghhom u cioe lil imputat odjern.

Id-dritt ta' forza f'idejn pulizija taqa f'zewg kategoriji, dik s-sitwazzjoni fejn il-pulizija tista tuza forza u l-limitu ta' forza li effettivament tista tintuza.

Huwa necessarju li l-pulizija tkun taf x'inhuma d-drittijiet taghha w d-differenzi li hemm bejn dik li tissejjah forza legittima  '*legitimate force*', forza mhux rikjesta '*unneccessary force* ' u l-brutalita '*brutality*'.

Il-forza legittima '*legitimate force*' hija dik il-forza li Ufficjal tal-Pulizija juza sabiex jimpedixxi l-aggressur milli jkompli bl-agir illegali tieghu biex b'hekk igib is-sitwazzjoni taht kontroll.  F'dak il-kaz li s-sitwazzjoni tkun taht kontroll u l-

Ufficjal jippersisti bl-uzu ta' forza, allura b'hekk ikun qed jaqbez il-linja ta' forza legittima.

Il-brutalita '*brutality*' hija dik il-forza intenzjonali li juza Ufficjal tal-Pulizija f'kaz ta' bzonn legali.

Il-forza zejda jew ahjar l-'*unnecessary force*' tikkreja hsara daqs il-brutalita. Din, fil-maggor parti tal-kazijiet ssehh, meta Ufficjal tal-Pulizija, minhaba nuqqas ta’ *training* jew attitudni mhux dixxiplinat, ipoggi lilu nnifsu f’sitwazzjoni ta’ perikolu, fejn bilfors irid juza l-forza biex johrog minnha.

Id-differenza ewlenija bejn t-tnejn, hija li l-brutalita tinvolvi hsara intenzjonali zejda, waqt li *unnecessary force* ssehh meta l-pulizija, b’intenzjoni tajba, jghagglu f’sitwazzjoni li jkollhom quddiemhom.

Skond *The Code of Conduct for Law Enforcement Officials* tal-United Nations:

"*Law Enforcement Officials may use force <u>only</u> when strictly necessary and to the extent required for the performance of their duty.*"

Fil-fatt fin-notamenti mahruga mill-***Council of Europe - 1994*** pagna 182 dwar il-**Human Rights and the Police** gie ritenut li :

"*The use of force cannot be used if it is disappropriate to the legitimate objective to be achieved.*"

Taht t-tieni ktieb, Titolu 1 imsejjah "**Fuq is-Setghat u d-Dmirijiet Ezekuttivi**" fil-procediment kriminali nsibu l-artikolu 355 tal-Kap 9 li jiddisponi illi :

"*L-Ufficjal* [b'referenza ghal Pulizija] *m'ghandux juza hruxija, irbit jew tghakkis iehor <u>hlief</u> jekk ma jkunx jista bl-ebda mod jghaddi minghajrhom sabiex jzomm fiz-zgur l-arrestat jew jekk huma jkunu mehtiega minhabba bl-imgieba tal-arrestat.*"

Dan ifisser li jekk il-persuna koncernata ma toffrix resistenza fl-arrest jew tobdi l-ordni legittimi moghtija lilha mill-Pulizija Ezekuttiva, il-Pulizija qatt ma jista jigu gustifikat jew skuzat ghal uzu ta' xi forza.

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tletin ta' Gunju, 1949*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Hewitt**, gie deciz li f'dawk il-kazijiet fejn bniedem jirresisti arrest jew ma jobdix l-ordni legittma tal-Pulizija, il-Pulizija jkollha tesegwixxi l-ordnijiet taghha bl-uzu ta' forza.

F'din is-sentenza, il-kompjant l-**Imhallef William Harding** qal ;

"*The Police Constable had no other alternative beyond that of trying to take him by force.*"

U jkompli jghid lil :

"*When the appellant persisted in refusing to comply with Kitcher's orders (to accompany him to the Police Station) then Kitcher (the Police Officer) was entitled to use such degree of force as was necessary to secure the appellant - provided says **Kenny** in his text book **Outlines of Criminal Law** - no more force is used than is proportionate to the immediate needs … of course, the quantum of force is not capable of being measured to a millimeter or weighed to an ounce.*"

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Frar 1955*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Bartolo**, il-Qorti sostniet li:

"*L-uzu ta' forza meta rikjest mic-cirkostanzi tal-kaz, u fil-limiti tan-necessita tal-kaz, huwa permess mill-ligi mill-Membri tal-Pulizija in konnessjoni ma l-ezercizzju tad-dmirijiet pubblici taghhom.*"

F'***sentenza ohra moghtija mill-istess Qorti nhar l-hamsa w ghoxrin ta' April 1949*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v W Luck et** gie ritenut li :

"*There is nothing unlawful if a Police Officer uses that 'medium' of force that is necessary by the acts of the aggressor, so that the fact that the aggressor, as a result of the use of that force used by the Police Officer suffers some injury, could not appear to be material in his defence.*"

Illi fil-Kodici Penali ma nsibu l-ebda gwida dwar uzu ta' forza salv ghal artikolu fuq riferit u cioe l-artikolu 139A li gie ntrodott fl-1990, wara li l-Konvenzjoni Ewropeja saret parti mill-ligi taghna li jipprovdi li:

"*L-ebda Ufficjal Pubbliku fil-qadi ta' dmirijietu ma jista jikkawza hsara fizika jew mentali fuq persuna sabiex jottjeni stqarrija/konfessjoni, bhala piena ghal dak li jaghmel jew susspettat li ghamel, jew sabiex igieghel jaghmel jew ma jaghmilx xi haga b'intimidazzjoni jew ghal kwalsiasi raguni bbazata fuq diskriminazzjoni*."

Illi dan qed jinghad ghaliex ma jidhirx l-kaz li l-Pulizija Ezekuttiva ghamlet xi hsara fuq il-persuna tal-imputat b'mod voluntarju ghar-ragunijiet imsemmija f'dan l-artikolu.

Dan il-provvediment jenfasizza li l-uzu ta’ forza minn ufficjal tal-pulizija ghandha tkun l-eccezzjoni, waqt li timplika li l-pulizija jistghu jkunu awtorizzati biex juzaw forza fl-ammont li hu ragonevoli taht ic-cirkostanzi tal-kaz ghal prevenzjoni li reat jew sabiex jigi affettwat arrest ta’ bniedem li qed jagixxi llegalment.

Din il-Qorti thoss li ghandha taghti l-protezzjoni mehtiega lil pulizija li jkunu qed jaqdu dmirhom u ma tistax thalli kazijiet bhal dawn fejn membri tal-Korp tal-Pulizija jigu mhedda, waqt li qed jaqdu d-dmirijiet taghhom – kultant f’sitwazzjonijiet difficli u delikati – b’leggerezza, qisu ma gara xejn, bhalikieku l-pulizija qeghda hemmhekk biex jigu mzebilha, sfidati w mhedda.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija ***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja ta’ Frar 2007*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Robert Camilleri** fejn inghad li:

*“Il-pulizija iridu jsibu protezzjoni mill-Qorti fil-qadi tad-dmirijiet delikati u perikoluzi taghhom. Trid tigi repressa l-kultura li tidher li qed tidhol fil-pajjiz, li membru tal-Korp tal-Pulizija huma punching bag, li kulhadd jista jahbat ghalihom, jheddidhom, jingurjhom, jekk mhux wkoll iferihom impunement.”*

<u>Il-Qrati jridu jidhru li qeghdin attwalment jipprovdu din il-protezzjoni b’sentenzi serji u proporzjonali ghal oltraggi jew offizi sofferti mill-membri tal-Korp tal-Pulizija</u>.

Il-Qorti ezaminat wkoll l-fedina penali taz-zewg imputati esibiti fl-atti a fol 26 et seq minn fejn jirrizulta li Ludwic Dimech li ghandu biss erbgha w ghoxrin sena, diga kiser durfejh mal-ligi tmien darbiet fuq akkuzi ta’ swat, ingurji, nuqqas ta’ ko-operazzjoni mal-Korp tal-Pulizija, hsara voluntarja, offizi fuq persuna nkarigata minn servizz pubbliku w offizi ohra ta’ reat konness mal-Ordinanza tat-Traffiku, fejn gie moghti diversi probation u multa.

Pero jirrizulta li ma tghallimx mill-opportunitajiet moghtija lilu u konsegwentement il-Qorti ghandha, din d-darba, tuza l-id iebsa mieghu.

Fil-konfront tal-imputat Charles Dimech, jirrizulta li mis-sena 1976 sas-sena 2003, [u dan ghaliex l-fedina penali harget f’Lulju 2004] instab hati ta’ diversi reati fosthom hsara voluntarja, ingurji, theddid, tfixkil lin-nies inkarigati minn servizz pubbliku [Marixxal tal-Qorti], ferti fuq ufficjali pubblici, theddid w ingurji fil-konfront tal-istess u reati ohra u dan f’<u>sitta w tletin darba</u>, meta nghata diversi sentenzi ta’ probations u multi wkoll.

Illi minn ezami tal-fedina penali tal-imputat Ludwig Dimech li ghandu biss erbgha w ghoxrin sena, jirrizulta li mis-sena 1999 sas se-na 2003, huwa deher il-Qorti fi tmien okkazzjonijiet meta nstab hati ta’ reati kontra l-Ordinanza tat-Traffiku, thddid u nuqqas ta’ ko-operazzjoni, tfixkil fis-servizz pubbliku ta’ diversi ufficjali tal-pulizija, talli kkaguna feriti fuq diversi nies u hebb ghal ufficjal tal-pulizija metas nghata diversi sentenzi ta’ probation u multi.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li forsi, sabiex l-imputati Ludwig Dimech u Charles Dimech jitghallmu jgibu ruhhom ta' nies darba ghal dejjem, f'socjeta demokratika, ghandhom l-ewwel iduqu l-habs.

**Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 214, 215, 216, 217, 218, 95, 96, 338(ee), 339(1)(b), 338(dd), 325(a), 17(b)(c), 20, 30, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ssib lil imputati CARMEL DIMECH u LUDWIG DIMECH hatja tal-akkuzi kif addebitati lilhom, salv u b'eccezzjoni ghat-tielet [3] akkuza peress li mhux qed jinstabu hatja li kkagunaw ferita ta' natura gravi fuq il-persuna tal-Ispettur Josric Mifsud u PS 325 Patrick Bonnici, mill-liema akkuza qed tilliberahom, pero qed issibhom t-tnejn hatja talli kkagunaw r-reati indikati u kompriz li kkagunaw ferita ta' natura hafifa.**

**Illi bl-applikazzjoni tal-artikolu 17B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed tikkundanna lil imputat CHARLES DIMECH ghal perjodu ta' tmien [8] xhur prigunerija effettiva u lil imputat LUDWIG DIMECH ghal perjodu ta' sitt [6] xhur prigunerija.**

**In oltre, qed tikkundannhom ihallsu s-somma ta' tlieta w tmenin [83] lira maltin lid-Direttur tal-Qorti rappresentanti l-hlas li sar lil Dottor Mario Scerri 'n konnessjoni man-nomina tieghu u dan fi zmien xahar mill-lum u fin-nuqqas tali somma tigi konvertita fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames [5] liri dovuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------